# PITTURA OĦRA F'BORMLA

## It-Tielet Taqsima

minn Joseph R. Gatt



F'dan l-artiklu ser inkomplu nitkellmu dwar aktar pittura li nsibu f'Bormla. Insiru nafuha aħjar u ngħożżuha biex ngħadduha lil ta' warajna biex igawduha huma wkoll. Biex inkomplu fejn ħallejna s-sena l-Oħra ser nitkellmu fuq kwadri li nsibu fil-knisja ta' Santa Tereża u f'dik ta' Santa Margerita.

**IL-PITTURA FIL-KNISJA TA' SANTA MARGERITA**

F'din il-Knisja żgħira li magħha huwa mibni l-Kunvent tas-Sorijiet tal-Klawsura ta' Santa Margerita nsibu tliet kwadri prinċipali wieħed fuq kull altar u oħrajn iżgħar.

Il-pittura ta' fuq l-altar maġġur turina lill-Madonna tal-Karmnu, lil Santa Margerita u ż-żewġ rifomaturi tal-Karmelu - Santa Tereża u San Ġwann tas-Salib. Dan il-kwadru huwa xogħol il-pittur Francesco Zahra (1710-1773) u kien ħa l-post ta' dak ta' qablu. Fuq kull naħa ta' l-altar naraw kwadru - wieħed jurina lill-Arkanġlu San Rafel u l-ieħor lil San Elija u San Eliżew jaqsmu l-Ġordan. Dawn huma mpittra minn Ġ. Bonnici.

L-altar tal-lemin għandu pittura ħelwa li tiffigura lil Marija Immakulata u fil-prospettiva naraw in- "Nome di Maria" impittra fuq kwadru żgħir ovali.
Fuq il-kwadru ovali ta' l-Immakulata Kunċizzjoni hemm din il-kitba
'Sliem għalik bint il-Missier,
sliem għalik omm l-Iben
sliem għalik gharusa ta' l-Ispirtu s-Santu'
Fl-altar l-ieħor hemm pittura ta' San Franġisk bħala titular u kwadru ovali taħtu li jurina lil Santa Tereża tal-Bambin Ġesù u ieħor fil-prospettiva.

Il-Knisja għandha kwadri oħra - fosthom wieħed żghir ta' Santa Tereża l-kbira u ieħor tal-Madonna bil-Bambin - kwadri interessanti ħafna.



*L-altar tal-Kunċizzjoni fil-knisja ta' Santa Margerita*

Fis-saqaf ma hemm ebda pittura u fil- Kunvent tas-Sorijiet hemm diversi kwadri li minħabba l-Klawsura ma kellniex ix- xorti nżuruhom.

## IL-KNISJA TA' SANTA TEREŻA

F'din il-knisja nsibu wisq aktar kwadri milli hemm fil-knejjes iż-żgħar l-oħra. Il-knisja hija akbar u għandha tmien (8) altari b'dak tal-Kor. Altar wieħed biss m'għandux kwadru titulari - f'dan hemm statwa ta' San Ġwann tas-Salib - xogħol ta' skola Spanjola tas-seklu XVII. Il-Kwadri huma sbieħ u qodma ta' artisti tajbin.

It-titular ta' l-altar maġġur jippersonifika l-Glorja jew aħjar l-Inkoronazzjoni ta' Santa Tereża - il-viżjoni li kellha Santa Tereża fil-knisja ta' San Tumas f'Avila, nhar il-festa ta' l-Assunta fl-1561. Il-Madonna tidher qed tlibbes kullana tad-deheb lil Santa Tereża waqt li San Ġużepp ser iqiegħed mantell fuq spallejha. Pittru Fra Luca Garnier, Kavallier ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Dan pitter ukoll il-kwadru ta' San Franġisk ta' Assissi li hemm fl-ewwel kappella fuq in-naħa tax-xellug aħna u deħlin il-knisja. Garnier ħadem kwadri oħra għal Ħaż-Żebbuġ, għaż-Żurrieq, għar-Rabat u oħrajn. Kien artist tajjeb.



*Il-Kwadru titulari ta' Santa Tereża*

Fuq il-ħitan tal-prestiterju naraw żewġ kwadri kbar u sbieħ li wkoll jippersonifikaw żewġ viżjonijiet oħra mill-ħafna li kien ikollha Santa Tereża. Wieħed jurina lil Santa Tereża f'estasì u żewġ anġli - wieħed jidher jipponta lanza lejn qalbha u l-ieħor qed ifarraġha. Fil-kwadru l-ieħor naraw lil Ġesù Kristu marbut ma' kolonna fflaġellat, lil Santa Tereża u xi anġli. Santa Tereża kellha devozzjoni kbira lejn Ġesù Kristu.

Il-kappella ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu għandha tliet kwadri kbar. It-titular jurina lil Madonna tal-Karmnu - il-Madonna bil-Bambin qed tagħti l-labtu tal-Karmelu lil San Xmun stokk - il-fundatur ta' l-ordni. Jidhru wkoll Santa Tereża u San Elija. Dan huwa xogħol ta' skola Taljana tas-seklu XVII. Fuq il-ġnub hemm żewġ kwadri li jfakkruna f'episodji tal-Karmelu. Dawn pittirhom Rokku Buhagiar li miet f'Bormla fl-1805 u ġie midfun fil-kripta tal-knisja. Il-patrijiet Terezjani kienu tawh xi kmamar biex jgħammar u jaħdem fihom.

It-tielet kappella tan-naħa tal-lemin aħna u nħarsu lejn l-altar maġġur hija ddedikata lil San Ġużepp. Il-kwadru titulari jurina lil San Ġużepp jaħdem fuq il-bank tax-xogħol bil-Madonna u l-Bambin ma' ġenbu fil-ħanut tiegħu. Kwadru sabiħ attribwit lill-iskola ta' Mattia Preti. Iż-żewġ pitturi tal-ġnub huma xogħol ta' Enrico Arnaud. F'dawn naraw it-twelid ta' Ġesù lill-Madonna u San Ġużepp u l-Addazzjoni ta' Ġesù mis-Slaten Maġi. Żewġ kwadri kbar, sbieħ u ma tixba' qatt tħares lejhom. Fil-prospettiva hemm kwadru żgħir u tnejn oħra fuq il-ġnub tiegħu.

Fl-ewwel kappella tal-lemin għandna kwadru qadim li jurina l-preżentazzjoni ta' Ġesù u l-Purifikazzjoni ta' Maria. Dan il-kwadru kien mogħti lill-knisja fl-1694 minn wieħed benefattur li kien ta oħrajn lil din il-knisja Fit-tieni kappella fejn qabel kien hemm il-Madonna tal-Karmnu nsibu kwadru antik li ġie restawrat m'ilux u sab postu fuq dan l-altar. Dan hu kwadru sabiħ ta' San Girgor.

Fil-knisja nsibu kwadri oħra żgħar - Sant Antnin, Qalb ta' Ġesù u ieħor fil-prospettiva ta' l-altar ta' San Franġisk. Hemm ukoll il-kwadri tal-Via Sagra u tlieta oħra mal-pilastri tal-kursija li wieħed minnhom juri lil San Ludovik Re ta' Franza. Fis-saqaf ma hemmx pittura.

Fost il-pittura li nsibu fil-Kor u s-sagristija nsemmgħu biss dawk ta' Santa Tereża, id-Duluri , l-isqof Balthassare Cagliares u l-laqgħa ta' Santa Tereża ma' San Tumas d'Aquino.

Hekk tajna ħarsa lejn il-pittura li tinsab f'dawn iż-żewġ knejjes ta' żewġ kunventi marbutin ma' xulxin fi ħdan l-istess Ordni reliġjuża.

Referenzi: Ara għadd 24 ta' 'Leħen il-Banda San Ġorġ - Bormla' p.115



*Kwadru li jinsab fis-Sagristija li juru lil Santa Tereża ma' San Tumas d'Aquino, żewġDutturi tal-knisja*


## *La Buona Pasta*

**Marina Street,**
**Marsascala Seafront**